# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-12 ta' Diċembru 2008**

**dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew**

***(BĊE/2008/23)***

(2009/53/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem l-Istatut tas-SEBĊ), b'mod partikolari l-Artikolu 29.4 u l-Artikolu 49.3,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 47.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) stabbilixxiet b' effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar assenjat lil dawk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li kienu membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa 'l quddiem l-"ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-"iskema kapitali" rispettivament).

(2) L-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ jeħtieġ l-ippeżar ta' l-iskema kapitali biex jiġi aġġustat kull ħames snin wara l-istabbilment tas-SEBĊ b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29.1 ta' l-Istatut. L-iskema kapitali aġġustata tapplika b'effett mill-ewwel jum tas-sena wara s-sena li fiha jseħħ l-aġġustament.

(3) L-aħħar aġġustament ta' l-ippeżar ta' l-iskema kapitali skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ sar fl-2003 b'effett mill-1 ta' Jannar 2004 ([2]). It-tkabbir sussegwenti ta' l-iskema kapitali tal-BĊE sar skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ minħabba l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea ([3]).

(4) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar id-data statistika biex tintuża għall-aġġustament ta' l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]), il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet lill-BĊE b'data statistika biex tintuża fid-determinazzjoni ta' l-iskema kapitali aġġustata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

### Tqarrib

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi data statistika rriveduta biex tintuża fl-aġġustar ta' l-iskema kapitali u t-total tal-figuri ma jlaħħaqx 100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun anqas minn 100 %, billi jiżdied 0,0001 ta' punt perċentwali ma' l-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total ikun iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti.

([1]) ĠU L 24, 31.1.2007, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/17 tat-18 ta' Diċembru 2003 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 9, 15.1.2004, p. 27).

([3]) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 tat-22 ta' April 2004 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 5) u d-Deċiżjoni BĊE/2006/21.

([4]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.

*Artikolu 2*

**Ippeżar ta' l-iskema kapitali**

L-ippeżar assenjat lil kull BĊN fl-iskema kapitali deskritta fl-Artikolu 29 ta' l-Istatut tas-SEBĊ għandu jkun kif ġej b'effett mill-1 ta' Jannar 2009:

| | |
|---|---|
| — Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2,4256 % |
| — Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 0,8686 % |
| — Česká národní banka | 1,4472 % |
| — Danmarks Nationalbank | 1,4835 % |
| — Deutsche Bundesbank | 18,9373 % |
| — Eesti Pank | 0,1790 % |
| — Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 1,1107 % |
| — Bank of Greece | 1,9649 % |
| — Banco de España | 8,3040 % |
| — Banque de France | 14,2212 % |
| — Banca d'Italia | 12,4966 % |
| — Central Bank of Cyprus | 0,1369 % |
| — Latvijas Banka | 0,2837 % |
| — Lietuvos bankas | 0,4256 % |
| — Banque centrale du Lussemburgu | 0,1747 % |
| — Magyar Nemzeti Bank | 1,3856 % |
| — Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0632 % |
| — De Nederlandsche Bank | 3,9882 % |
| — Oesterreichische Nationalbank | 1,9417 % |
| — Narodowy Bank Polski | 4,8954 % |
| — Banco de Portugal | 1,7504 % |
| — Banca Națională a României | 2,4645 % |
| — Banka Slovenije | 0,3288 % |
| — Národná banka Slovenska | 0,6934 % |
| — Suomen Pankki | 1,2539 % |
| — Sveriges Riksbank | 2,2582 % |
| — Bank of England | 14,5172 % |

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali u tranżitorji**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 qed tiġi hawnhekk irrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2006/21 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 12 ta' Diċembru 2008.

*Il-President tal-BĊE*
Jean-Claude TRICHET